**69. L-Onor George Vella, f'isem l-Oppożizzjoni, ippropona:-**

Illi din il-Kamra tar-Rappreżentanti ma għandhiex fiduċja fl-Onor. Anton Tabone bħala *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, u fl-Onor. Michael Bonnici bħala *Deputy Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti, għaliex kemm ilhom fil-karigi rispettivi tagħhom, f'okkażjonijiet diversi, ma wrewx l-imparzjalità mistennija mill-karigi għolja tagħhom, u minħabba nuqqas ta' konoxxenza tar-regoli tal-Kamra, jew minħabba kunsiderazzjonijiet partiġġjani, ħadu deċiżjonijiet li la rrispettaw l-ispirtu u l-kelma ta' l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, u wisq inqas ispiraw fiduċja fil-Membri taż-żewġ naħat tal-Kamra.

Illi din il-Kamra tikkundanna dan l-aġir u dan l-atteġġjament li ilu jigi nnotat u kkritikat, u b'mod partikolari tikkundanna d-deċiżjoni meħuda mid-*Deputy Speaker*, u sussegwentement ikkoroborata u merfugħa mill-*iSpeaker* innifsu f'ittra li bagħat lill-Kap ta' l-Oppożizzjoni, dwar il-jum li ghalih ġiet aġġornata l-Kamra tar-Rappreżentanti wara li ma kienx hemm *quorum* fil-Parlament fis-seduta ta' filgħaxija tad-9 ta' Ġunju 1999, liema deċiżjoni tmur assolutament kontra l-*iStanding Orders* tal-Parlament.

10.06.1999